**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 7 ta' Ottubru, 2015**

Talba Nru: 788/2014JB

Numru 16

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

***vs***

**Joseph Saliba (K.I.: 397563M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar l-4 ta' Dicembru 2014 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' seba' mija u tlieta u tmenin euro (€783). Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-kawza;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-20 ta' Jannar 2015;

Ra l-atti minn fejn jirrizulta li l-Konvenut gie debitament notifikat bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh relattivi;

Ra li ghad li gie debitament notifikat bl-atti, il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment;

Ra li fis-seduta tal-lum il-Partijiet permezz tal-avukati taghhom ipprezentaw nota li permezz taghha fil-waqt li l-Konvenut ammetta t-Talba purche jkun hemm dilazzjoni tal-pagamenti, bi qbil mas-Socjeta Attrici gie miftiehem dan li gej:

1. Illi s-sorte jithallas b'pagamenti mensili ta' mitt euro (€100)-il wiehed liema pagamenti ghandhom isiru nhar l-ewwel jum ta' kull xahar b'effett mill-1 ta' Novembru 2015;
2. Illi kemm-il darba l-ammont jithallas kif qed jigi miftiehem fil-paragrafu precedenti, l-ebda imghax ma jigi applikat;
3. Illi l-beneficcju tad-dilazzjoni tal-pagamenti jintilef fl-eventwalita ta' morozita ta' almenu zewg skadenzi u jsiru dovuti anke l-imghaxijiet legali;
4. Illi dwar l-ispejjez, il-Partijiet jaqblu li dawn ghandhom ikunu sopportati mill-konvenut;

Illi in vista ta' dan, il-Partijiet qablu li t-Tribunal ghandu jghaddi ghas-sentenza a bazi ta' dan l-intendiment ta' bejniethom.

Ghalhekk, it-Tribunal se jghaddi sabiex jiddeciedi l-kawza a bazi tan-nota tal-partijiet;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €783 bl-imghax legali b'effett mid-data tan-notifika tal-kawza u cjoe l-21 ta' April 2015 b'dan (i) li s-sorte jithallas b'pagamenti mensili ta' mitt euro (€100)-il wiehed liema pagamenti ghandhom isiru nhar l-ewwel jum ta' kull xahar b'effett mill-1 ta' Novembru 2015; (ii) kemm-il darba l-ammont jithallas kif qed jigi miftiehem fil-paragrafu precedenti, l-ebda imghax ma jigi applikat; u (iii) li dan il-beneficcju tad-dilazzjoni tal-pagamenti jintilef fl-eventwalita ta' morozita ta' almenu zewg skadenzi u jsiru dovuti anke l-imghaxijiet legali;

L-ispejjez tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*